MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 1418/2003/1

**Nutar Dr. Joseph Debono**

**vs**

**Theresa Vella**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Lulju 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avvizipprezentat mill-attur li permezz tieghu talab li l-konvenuta tigi kkundannata tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu sofferti f'incident stradali li sehh fl-4 t'April, 2003 fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, l-Imqabba meta minhabba tort, negligenza u mperizja da parti tal-konvenuta dahlet u ghamlet hsara fil-vettura ta' l-attur.

Ghall-iskop ta' valur l-attur iddikjara li dawn ma jccedux is-sitt mitt lira Maltin (Lm600).

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn ikkontestat kemm ir-responsabbilta' kif ukoll il-quantum tad-danni.

Sema' x-xhieda tal-partijiet.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi fl-4 t'April, 2003 l-attur kien qed isuq il-karozza FAI 165 fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fl-Imqabba u kien gej minn Hal Luqa u sejjer fid-direzzjoni tal-Qrendi fejn ghandu ufficju u dan kien ghall-habta ta' l-4.30 ta' wara nofsinhar.

Huwa hu miexi kien hemm karozza li qal li kienet wieqfa fil-lane ta' gewwa ta' l-istess triq liema triq hija wiesgha hafna u ftit qabel ma wasal fejn hemm it-*traffic lights*, cjoe' xi hamsin (50) metru qabel it-*traffic lights* il-karozza li kienet wieqfa fin-naha tax-xellug, qasmet fil-karreggjata tieghu biex taqsam u tidhol gos-*side road* fil-lemin taghha. B'rizultat ta' din il-manuvra ghalqitlu l-karreggjata tieghu u pprova jevitaha billi jikser 'il barra, pero' z-zewg karozzi xorta habtu ma' xulxin.  Hu kkonferma li qabel l-incident ma ra l-ebda *indicators* mixghulin fil-vettura l-ohra.  Bhala *speed* huwa qal li kien ghaddej bi *speed* normali xi hamsa u tletin (35) kilometru  jew mil fis-siegha.  Wara l-incident tkellem mas-sewwieqa l-ohra li bdiet tinsisti li kellha *indicator* pero' l-attur xehed li ma rax l-*indicator*. Huwa jaqbel ma' l-isketch kif impingi mill-pulizija.  Bhala danni huwa nefaq total ta' tlett mija u tnejn u disghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm392.58c).

Fuq kontro-ezami qal illi l-konvenuta kienet ipparkjata fejn hemm it-*traffic lights* indikati fl-isketch u qal illi l-ewwel darba li lemah il-karozza tal-konvenuta kien bejn hamsin (50) u mitt (100) metru 'l boghod u meta raha kienet wieqfa u fehem illi din qed tistenna jekk kienx hemm

traffiku gej mid-direzzjoni opposta halli taqsam man-naha l-ohra.

Il-konvenuta xehdet li dakinhar ta' l-incident hija kienet qieghda ssuq vettura EMM 235. Kienet harget minn *side road* u dahlet fuq f'Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u waqt li kienet qieghda miexja tul din it-triq xeghlet l-*indicator* biex turi li riedet tikser lejn il-lemin. Hija u tikser f'daqqa wahda giet il-karozza ta' l-attur minn warajha u dahlet gol-karozza taghha. Fil-mument ta' l-impatt il-vettura misjuqa mill-attur kienet *wrong side* u l-habta saret x'hin hi kienet qieghda tidhol ghan-naha l-ohra, jigifieri x'hin giet biex taqsam fil-karreggjata l-ohra tat-triq. Hija qalet illi qabel m'ghamlet il-manuvra harset lura biex tara hemmx traffiku gej minn warajha u ghalkemm harset ma rat l-ebda traffiku gej.

Fuq kontro-ezami regghet giet mistoqsija jekk xeghlitx l-*indicator* u affermat li effettivament kienet xeghlitu.

Illi f'din il-kollizjoni wiehed irid jezamina s-sewqan taz-zewg partijiet. L-attur kien qed jaghmel manuvra ta' *overtaking*. It-triq kienet dritta u kellu vizwali tajba. Bhala sewwieq ta' *overtaking vehicle* kellu obbligu li qabel ma jespleta l-manuvra, jaccerta ruhu li tali manuvra tista' ssir liberament minghajr ebda xkiel.

Effettivament l-attur ighid li huwa kien ra l-karozza tal-konvenuta u jghid illi fil-mument li raha, xi hamsin (50) jew mitt (100) metru 'l boghod minnu, din kienet wieqfa izda mbaghad qal ukoll illi nnota li donnha kienet qieghda tistenna li t-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta jkun *clear* halli tkun tista' taqsam lejn il-lemin.

Fix-xhieda mressqa quddiem it-Tribunal jirrizulta pero' illi traffiku mid-direzzjoni opposta ma kienx gej u ghalhekk huwa evidenti illi fil-mument li l-attur kien qed jintenta l-manuvra ta' *overtaking* huwa ma fehemx sew is-sitwazzjoni kif kienet quddiemu. Huwa l-ewwel ighid li raha wieqfa mbaghad ighid li haseb li din qed tistenna biex taqsam lejn il-lemin, izda xorta wahda intenta l-

manuvra u f'okkazjoni ohra qal illi din kisret quddiemu u mblokkatlu l-karreggjata.

Minn ezami tal-iskizz jirrizulta li l-attur halla 19.2 metru brakemarks li jibdew biswit it-*traffic lights*. Mix-xhieda tieghu huwa jghid li ra lill-konvenuta bejn hamsin (50) metru sa mitt (100) metru 'l boghod meta raha tikser lejn il-lemin. Dan ifisser li kien hemm *thinking distance* ta' bejn hamsin (50) metru sa mitt (100) metru. Ma jistax jigi njorat ukoll illi apparti l-forza ta' l-impatt, l-attur halla 19.2 metru brakemarks. Il-Highway Code jipprovdi gwida utli biex wiehed ikollu ideja tat-*total stopping distance* skond velocitajiet varji. Naturalment din l-iskeda hija biss gwida u hija bbazata fuq triq tajba b'karozza b'tyres u brake system tajba. Inoltre t-Tribunal ghandu dubju kemm l-iskeda tista sservi fejn vettura ghandha sistema ta' brakes moderni li huwa bazikament intiz biex jezercita l-*maximum braking efficiency* minghajr mat-tyres imorru fi skid.

| 281. Shortest Stopping Distances - in metres | | | |
|---|---|---|---|
| Kmh | Thinking distance (metres) | Stopping distance (metres) | Overall stopping distance (metres) |
| 32 | 6 | 6 | 12 |
| 50 | 9 | 14 | 23 |
| 64 | 12 | 24 | 36 |
| 80 | 15 | 38 | 53 |
| 94 | 18 | 55 | 73 |
| 110 | 21 | 75 | 96 |

Inoltre tajjeb li jissemma li t-*thinking distance* huwa bbazat fuq driver li jkun *alert*.

Issa jekk wiehed kellu jassumi t-*thinking distance* ta' oltre hamsin (50) metru, dan ifisser li l-attur kien ghaddej b'iktar minn mija u ghaxar (110) kilometri fis-siegha, u dan l-i*speed* ma jirrizultax. Dan ifisser li l-attur dam biex ghafas il-brake. Jekk ghax ma kienx *alert* jew ghax ma fehemx

sew x’qed jigri quddiemu jew ghax ghamel kalkolu hazin. F’kull wahda minn dawn l-ipotesijiet huwa ghandu tort.

Inoltre, l-brakemarks ta’ 19.2 metru jsarfu ghall-speed ta’ vicin is-sittin (60) kilometru fis-siegha. F’manuvra ta’ surpass fejn wiehed jistenna aktar attenzjoni mis-sewwieq, dan l-i*speed* ma kienx konsiljat.

Il-probabbilta’ hija li meta l-attur lemah lill-konvenuta xi hamsin (50) metru – mitt (100) metru ‘l boghod, bl-i*speed* li kien ghaddej, fehem li seta’ jaqbizha liberament. Meta wasal iktar vicin innota li kien ghamel *misjudgement*, ghafas il-brake izda xorta wahda habat. Kieku sslowja malli ra l-vettura tal-konvenuta u kien aktar prudenti, l-kollizjoni ma kienetx issehh.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur kellu vizwali tajba hafna tat-triq u bhala persuna li kellu vizwali tajba, li ried jintenta manuvra ta’ *overtaking*, kellu obbligu qawwi li ma jespletax tali manuvra qabel ma jkun cert li jista’ jespletaha liberament. Huwa ovvju mill-fatt li sehhet il-kollizjoni illi kien hemm *misjudgement* da parti ta’ l-attur, liema *misjudgement* tekwivali ghan-nuqqas ta’ osservanza u konsegwentement jahti ghall-incident in kwistjoni billi l-manuvra ta’ surpass kienet il-kawza prossima tal-kollizjoni. Meta l-attur *expressis verbis* innota li l-konvenuta riedet tikser lejn il-lemin u li kienet *on the crown of the road* kellu, se mai, l-obbligu illi jekk ser jintenta l-manuvra ta’ *overtaking* jaghmilha min-naha ta’ gewwa kif anke koncess mill-Highway Code. Certament kien hemm spazju bizzejjed billi Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija hija triq wiesgha hafna u, kif ighid l-attur, tiehu sitt karozzi.

Da parti tas-sewqan tal-konvenuta, bhala persuna li qieghda tikser lejn il-lemin, kellha obbligu illi qabel ma tespleta tali manuvra, li tohrog *on the crown of the road*, taccerta ruhha li qed turi l-intenzjonijiet taghha cari ghat-traffiku l-iehor li hemm fit-triq u li ma tespletax tali manuvra qabel ma tkun certa li tistgha taghmel din il-manuvra liberament.

Mill-provi jirrizulta illi hi kienet *on the crown of the road* u ghalhekk kienet fil-pozizzjoni korretta biex taghmel din il-manuvra. F'dak il-mument hija ma kellhiex ghalfejn tistenna li ser tigi karozza minn warajha biex tghaddi *wrong side* fil-karreggjata opposta. L-attenzjoni taghha f'dak il-mument kien gustament indirizzat lejn it-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta u mhux minn warajha u jirrizulta wkoll illi hija kellha l-*indicator* mixghul.

L-attur isostni li l-konvenuta ma kellhiex *indicator* mixghul. *Qua* attur, il-piz tal-prova tispetta lilu. Din il-prova ma tirrizultax, anzi tinsab kontradetta mill-konvenuta, kemm *a tempo vergine* (malli hareg mill-karozza u mar jkellimha u meta tkellmet mas-surgent) kif ukoll waqt il-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jhossx li hemm xi element ta' kontributorjeta' da parti tal-konvenuta ghall-incident in kwistjoni.

Ghalhekk il-kawza prossima huwa s-sewqan imprudenti ta' l-attur li ghalhekk ghandu jerfa' l-konsegwenti responsabbilta' tal-kollizjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li r-responsabbilta' ta' l-incident hija unikament imputabbli ghall-attur u konsegwentement it-talba tieghu qieghda tigi respinta."

L-attur hassu aggravat b' din is-sentenza u appella minnha bl-ilment generiku li t-tribunal adit ghamel valutazzjoni zbaljata tal-fatti li taw lok ghall-kollizjoni, kif ukoll konsiderazzjonijiet erronei tad-dritt *in subjecta materia*;

Il-provi f' din il-kawza huma limitati ghall-iskizz ta' l-incident u ghall-versjonijiet taz-zewg konducenti. Hemm htiega ghalhekk li jigu stabbiliti l-fatti l-aktar saljenti emergenti minn dawn il-provi biex minnhom jigi dezunt il-grad ta' responsabilita`, kif hekk inhu konswet fi kwestjonijiet ko-involgenti incidenti stradali:-

1. Iz-zewg vetturi kienu qed jinsaqu fl-istess direzzjoni fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, l-Imqabba. Triq din pjuttost wiesgha b' vizwali fit-tul;

2. L-attur, li kien qed isuq b' xi hamsa u tletin kilometru fis-siegha (35 kfs) fuq in-naha leminija tat-triq, jghid li hu osserva vettura wieqfa fuq in-naha tax-xellug tieghu u f' hin minnhom din ittraversat minn quddiemu minghajr ebda sinjal biex taccedi ghal *side street*. Huwa jzid jghid li malli raha minn distanza ta' bejn hamsin (50) u mitt (100) metru, applika l-*brakes* izda, cionostante, u t-tentattiv tieghu ta' azzjoni evasiza, ma setax jevita l-iskontru. Fuq mistoqsija tat-Tribunal huwa jaccetta illi l-konvenuta kienet telqet minn posizzjoni ta' waqfien, imxiet ftit 'il quddiem u anke ftit lagenba (fol. 27). Jistqarr fl-ahhar illi l-intenzjoni tieghu kienet dik li jaghmel sorpass tal-vettura tal-konvenuta;

3. Da parti taghha l-konvenuta tiddikjara li hi riedet tikser ghal triq laterali fuq il-lemin taghha u ghalhekk tat sinjal li ser taghmel dan permezz ta' l-*indicator. Totidem verbis* tammetti li "kif ser nibda nikser, f' daqqa wahda giet il-karozza misjuqa mill-attur u dahlet go fiha" (fol. 30). Dejjem skond il-versjoni taghha tiddikjara li harset warajha pero` ma rat ebda vetturi;

Qabel kull riflessjoni fuq il-fatti appena esposti huwa forsi indikattiv li jigu ri-epilogati dawn l-enuncjazzjonijiet ta' dritt akkolti mill-gurisprudenza:-

(1) "Id-*driver* ta' karozza li jigi biex jissorpassa karozza ohra ghandu jkun zgur, qabel ma jaghmel dik il-manuvra, illi jista' jaghmilha b' sikurezza ..." (**Kollez. Vol. XLV P I p 253**);

(2) "*Driver* li jkun ser idawwar il-karozza biex jidhol ghal go triq ohra biex jikser fuq il-lemin tieghu, hu hati ta' negligenza jekk hu jaghmel dik il-manuvra minghajr ma jaghmel sinjal lid-*driver* li jkun gej warajh biex jurih li hu ser jaghmel dik il-manuvra, u hekk jaghti lid-

*driver* li jkun gej warajh l-opportunita` li jevita kollizjoni. Jekk id-*driver* ta' quddiem jonqos li jaghmel dawk is-sinjali u ssir il-kollizzjoni, id-*driver* ta' quddiem huwa hati konsimilment ghal dik il-kollizzjoni avvolja d-*driver* ta' wara kien qed isuq bi *speed* qawwi u ma pprovax jevita l-kollizjoni" (**Kollez. Vol. XXXVIII P IV p 782**);

(3) "Min johrog l-*indicator* ikun qieghed jaghti, kif inhu obbligat, avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu; imma imbaghad ma jistax, sempliciment ghax hareg l-*indicator*, jaghmel li jrid, jikser il-prijorita` li jaghtu r-regolamenti, u jaqleb ir-*rule of the road* (dik tal-prijorita` ta' l-*on coming traffic* gej ghad-dritt) favur tieghu" (**Kollez. Vol. XXXVIII P IV p 868**);

Dan premess, l-attur jilmenta li hu sab quddiemu emergenza bi frazzjoni ta' ftit hin sabiex jirreagixxi tajjeb. Huwa jirpoza dan ir-ragonament tieghu fuq is-sottomissjoni illi l-konvenuta ma kellhiex l-*indicator* jixghel. Konsegwentement, jaskrivi l-htija kollha ghall-akkadut fuq il-konvenuta;

Huwa ferm razzjonali li sewwieq li jkun jenhtieglu jaghmel certa manuvra, bhal per ezempju, dak ta' traversament tat-triq, ghandu, kif profess fis-sentenzi precitati, jaghti sinjal biex ta' warajh jirregola ruhu. Fin-nuqqas ta' sinjal il-konducent intercettanti huwa legittimat jahseb li ta' quddiemu ser ikompli ghaddej. Issa f' dan il-kaz jirrizulta *ex-confessis* mill-istess deposizzjoni ta' l-appellant illi, ankorke huwa ma rahx l-*indicator on* fil-vettura tal-konvenuta, osservaha qed tiggenneb biex tmur fi triq laterali. Minn dan jitnissel, fil-fehma tal-Qorti, illi kieku kien verament attent mhux biss ma kienx jisfuggilu d-dawl ta' l-*indicator*, li dwaru tishaq l-appellata, imma wkoll il-fatt li l-appellata kienet qed tikser u b' hekk taghtih preavviz li riedet tidhol fi triq ohra. Anke jekk il-konfigurazzjoni tat-triq kienet tippermettilu li jaghmel is-sorpass li kien intenzjonat jaghmel, ic-cirkustanzi f' dak il-mument kienu certament jiddettawlu li jirrallenta u jnaqqas l-i*speed* (hekk determinat mit-Tribunal skond l-iskeda tabulari esposta

fis-sentenza ghal sittin (60) kilometru fis-siegha), b’ mod li bl-ezercizzju ta’ diligenza ordinarja, u b’ azzjoni tempestiva, jevita l-effetti tal-manuvra ta’ l-appellata. Mill-kumpless tal-provi hu l-kaz li l-attur appellant ma jistax ragonevolment jiskansa ruhu minn kull addebitu ta’ htija, kif hekk proprju qed jippretendi. Kollox jindika li hu kien momentanjament distratt ghax li kieku zamm *a proper look out* u kkontrolla l-i*speed* tieghu kien jevita li jmur *wrong side* u jahbat mal-vettura ta’ l-appellata;

Intqal illi l-invokar ta’ l-ezoneru minhabba emergenza subitanea ma tiswiex lis-sewwieq ladarba jkun gie stabbilit, bhal f’ dan il-kaz, li kien hemm in-negligenza tieghu antecedenti u din tkun effettivament gabet l-istat ta’ l-emergenza. Ara **Kollez. Vol. XLVI P I p 112**;

Dan precizat, jokkorri li din il-Qorti tezamina jekk kienx hemm htija kontributorja da parti ta’ l-appellata ghall-incident li sehh. Dan ghaliex, kif saput, u accettat ukoll fil-Qrati taghna, in-negligenza ta’ konducent wiehed ma tiskuzax in-negligenza ta’ konducent iehor;

Mhemmx dubju li sewwieq li jkun behsiebu jaghmel manuvra ta’ traversament tat-triq principali ghandu juza diligenza partikulari biex ma jintercettax u jfixkel it-traffiku provenjenti minn warajh. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-konvenuta appellata bdiet taqsam fl-ghama. Jirrizulta invece mill-iskizz li hi kienet vicin il-*crown of the road*, u skond hi, bl-*indicator on*, tosserva t-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta. Lanqas ma jidher li bdiet il-process tat-traversament *ex abrupto* biex jista’ jinghad li holqot dik l-emergenza subitaneja lamentata mill-appellanti;

Taht dawn ic-cirkustanzi ma jistax jinghad li gie sufficjentement pruvat mill-attur li l-htija tal-kollizjoni kienet tal-konvenuta jew li din ikkontribwiet ghaliha. Ir-rizultanzi istruttorji tal-process juru pjuttost li ma kien hemm ebda kolpa antecedenti taghha. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti

twarrab id-decizjoni tat-Tribunal kif hekk intalab mill-appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------